# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 2586

Każ numru 3321/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol

bejn

Jonathan Caruana
(ID 152491M)
u
Malta International Airport Plc

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: James Henry Pearsall**

**Illum : 1 ta' April, 2019**

1. **Ir-referenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota ta' rikors ppreżentata minn Jonathan Caruana, fir-Reġistru tal-Qorti Superjuri nhar il-5 ta' Dicembru, 2015 fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kinitx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta)

Min-naħa tal-Malta International Airport plc, f'dikjarazzjoni li għamlet, datata il-5 ta' Frar, 2015, esprimiet il-posizzjoni taghha in kwantu li bhala socjeta' kienet imxiet mall-ftehim kollettiv u wara li ir-rikorrent kien gie pprocessat bil-proceduri tad-dixxiplina kemm fl-ewwel stanza kif ukoll fl-istadju ta' appell, is-socjeta' intimata imxiet mad-decizjonijiet konkluzi u minhabba cirkostanzi li ir-rikorrent ma setax jigi fdat, is-socjeta' intimata itterminatlu l-impjieg.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ppreżentati miż-żewġ partijiet, żamm tlieta-u-ghoxrin (23) seduta, sema' x-xhieda mressqa miż-żewġ naħat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa inkonsiderazzjoni l-argumenti kif ippreżentati fit-trattazzjoni finali.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mill-Liġi minħabba numru eccezzjonali ta' diferimenti mitluba miz-zewg partijiet kif ukoll ċirkostanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

2. **Ir-rappreżentanza:**

**2.1 Jonathan Caruana**, li minn issa 'l quddiem ser jissejjaħ ir-rikkorrent kien assistit mill-Avukat Ian Spiteri Bailey.

**2.2**I Malta International Airport Plc, li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is- soċjetà intimata, kienet irrappreżentata mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

3. **Il-fatti tal-każ fil-qosor:**

Ir-rikorrent beda l-impjieg tiegħu mas- soċjetà intimata fil-20 ta Dicembru 1999 bhala Airport Attendant fuq bażi' *fulltime.* Wara proceduri ta' dixxiplina kif ukoll appell ir-rikorrent gie itterminat mill-impjieg tieghu fil-11 ta' Settembru 2014.

4. **Il-lista ta' xhieda:**

**4.1** Xhieda mressqa mir-rikorrent (lista kif murija fir-rikors data 5/12/2014)
**4.2** Xhieda mressqa mis-socjeta' intimata (lista kif murija fl-ittra tar-risposta data 5/02/2015).

5. **Il-lista ta' dokumenti:**

**5.1** Ġew ippreżentati numru ta' dokumenti:
Min-naħa tar-rikorrent immarkati Doc A sa F kif ukoll dokumenti
Min naha tas-socjeta' intimata immarkati minn TEF 1 sa TEF 10.
Giet ipprezentata kemm *Employment history* kif ukoll kopja ta' dokumenti tat-terminazzjoni mill-impjieg, ikkonfermata mill-JobsPlus.

6. **Ġabra fil-qosor tax-xhieda:**

**6.1 Avv Andrew Borg Cardona** ghas-socjeta' intimata, irrifera ghall proceduri kif stabbiliti fir-regolamenti ta' dixxiplina li kienu saru mis-socjeta' intimata fejn ir-rikorrent gie misjub hati li zamm xi flus u meta mitlub jirritornhom qabad u ta ghaxar euro sabiex qisu jghid hawn ha dawn kienu. Semma kif il-Bord tad-dixxiplina ikkummenta limitatament pero' ikkumenta" *illi dan ma kienx hemm indikazzjoni illi il-flus zammhom ghalih imma fetah lilhu innifsu ghall-akkuza ta' serq*".

**6.2** **L-Avv Andrew Borg Cardona** irrefera ghall punt fejn is-socjeta' intimata kienet tghat il-fidujca taghha lir-rikorrent u semma il-kaz tad-De La Rue sabiex jassocja l-importanza tal-fiducja fl-impjegati fir-rigward tar-responsabilita' lejn il-propjeta' tal-kumpanija, irrelevanti kemm huwa l-valura taghha. **L-Avv Andrew Borg Cardona** jghid li wara id-decizjonijiet li hadu iz-zewg bordijiet, il-management tas-socjeta' intimata kellu dritt jasal ghall-konkluzzjoni, dik tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrent.

**L-Avv Andrew Borg Cardona:** ikkonferma li z-zmien ta' l-appell ma kienx ghadda meta kienet diga inghatat it-terminazzjoni mill-impjieg lir-rikorrent. Hu ikkonferma wkoll li il-ftehim kolletiv hu dak li hu

**6.3** **L-Avv Ian Spiteri Bailey** spjega li kemm ir-rikorrent kif ukoll is-socjeta' initimata kienu marbuta bi ftehim kollettiv li mhux biss jigi riferut fih il-proceduri ta dixxiplina u l-implimentazzjoni taghhhom, izda dettalji ta' definizzjonijiet li jikklassifikaw il-livelli ta' l-offizi maghmula minn x'impjegat (ez offizi serji jew anqas serji) bhala ma huma ksur ta regolamanti tal-kumpanija jew kontravenzjoni kontra il-propjeta' tal-kumpanija. **L-Avv Spiteri Bailey** jiccita zewg riferenzi mghotija fid-decizjoni tal-Bord tad-dixxiplina fejn jinghad hekk " *As a result of this breach he laid himself open to accusation of theft, missapropriation ecc; ecc ,even though there was no clear proof that he benefited".*

**L-Avv. Ian Spiteri Bailey** irrefera ghal Bord ta' l-appell fejn intqal li ir-rikorrent ma setax jinstab hati ta serious offence kif stipulat fil-ftehim kollettiv. Irrifera ghax-xhieda tas-Sur. A Degiovanni, bhala Chairperson tal-Bord ta' l-appell fejn qal " *jien ghalija bidlet il-livell tal-akkuza jigifieri minn wahda li kienet taht serious offence taqa' taht ksur ta' procedura". Fl-artiklu wiehed (1) offences other than serious offences u l-penalties for offences other than serious offences li ma tikkontemplax it-tkeccija imma jikkontemplaw affarijiet ohra*_____________.**L-Avv Ian Spiteri Bailey** semma ukoll lii il-kumpanija kienet diga itterminat l-impjieg tar-rikorrent qabel ma ghadda il-perjodu ta'l-appell, ikkonkluda billi qal li "jekk ma irrizultax it-theft ma rrizultatax l-akkuza tas-serious offence kif ukoll fakkar li il-Bord ta' l-appell kien nizzel il-livell ta' l-akkuza minn serious offence ghal *offence of another* natura.

**7. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal f'dan il-kaz hares lejn zewg aspetti
(1) Il-mertu tal-kaz per se u il-kundanna li ghazlet il-kumpanija dik ta' terminazzjoni mill-impjieg.
(2) Il-punt importanti fejn jitkellem il-ftehim kollettiv fejn tidhol procedura ta'dixxiplina.

It-Tribunal meta evalwa ix-xhieda mghotija , anke permezz tad-dokumentazzjoni sottomessa, ma sab l-ebda dubbju li ir-rikorrent ma kisirx ir-regolamenti tal-kumpanija u ghaldaqstant jikkonferma dak li qalu iz-zewg Bordijiet li mexxew il-proceduri ta' dixxiplina, kif ukoll jifhem li ir-rikorrent kellu jinghata xi forma ta' kastig.

It-Tribunal Industrijali huwa marbut li fejn ikun hemm ftehim kollettiv, dan qatt ma jista jigi interpretat arbitrarjament minn xi wahda mill-partijiet. F'dan il-kaz it-tribunal mhux biss hares lejn xi jghid il-ftehim kollettiv, izda jinsab ikkonfortat kemm mill-Bord tad-dixxiplina li stqarr li ir-rrikorrent, b'dak li ghamel meta qabad u tagh lura ghaxar euro " *he had laid himself open to accusation of theft, misappropriation etc, even though there was no clear proof that he had benefitted"* (doc TE4)**.** Il-Bord ta' l-appell in segwitu ta' decizzjoni ta' l-ewwel Bord kif ukoll marbut ma definizzjonijiet dettaljati espressi fil-ftehim kollettiv wasal sabiex baxxa il-livell tal-grad ta' l-akkuza izda kien car hafna u ikkonferma id-decizzjoni tal-Bord tad-dixxiplina meta iddecieda li ir-rikorrent kiser ir-regolamenti tas-socjeta' intimata

It-Tribunal Industrijali dejjem esprima ruha li it-terminazzjoni mill-impjieg hija mitqiesa bhala il-piena kapitali fil-kamp Industrijali u ghaldaqstant it-Tribunal evalwa jekk il-piena mghotija f'dan il-kaz kienetx wahda sproporzjonata ma l-offiza li ghamel ir-rikorrent.

**8 Id-deċiżjoni:**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, fehem u gharaf li dan kien każ ta' misinterpretazzjoni tal-ftehim kollettiv (proceduri dixxiplinarji). Il-Kaz ma kienx wiehed li kellu jigi ikkunsidrat fuq bazi ta' livell serju hafna, li b'rizultat ta' hekk ir-rikorrent gie mghoti piena sproporzjonata ghall livell ta' l-offiza li ghamel, dik ta' terminazzjoni mill-impjieg. Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li it-terminazzjoni mill-impjieg ma kienetx wahda gusta u skond il-ligi.

F'dan il-kaz odjern wara li it-Tribunal ha il-kunsiderazzjonijiet kollha u ikkonferma lir-rikorrent dam bla impjieg ghall perjodu biss ta' mhux aktar minn sitt xhur, u sab impjieg stabbli sal-gurnata tal-llum, ghandu jinghata kumpens ta' €2,000 (elfejn euro), li ghandhom jithallsu mis-socjeta' intimata fi zmien tmien gimghat.

Għall-finijiet ta'Avviż Legali 48 tal 1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet tra min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Iffirmat : James Pearsall

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja